**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 40 – IT-TLIETA, 18 TA' FRAR 2014

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Joe Micallef | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti: | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 39 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri tal-Kumitat li rċivejna konferma mingħand il-Ministeru li se jingħataw fondi għall-attività "Arts in the Park".

2.2. Is-Sinj. Cuomo għamlet riferenza għal-laqgħa li saret ma' Transport Malta dwar il-proġett ta' Triq il-Kosta. TM infurmat li l-proġett mistenni jibda lejn l-aħħar ta' Marzu 2014. Is-Sinj. Cuomo staqsiethom jekk hux se jkun hemm devjazzjonijiet għal min ikun irid joħroġ minn Baħar iċ-Ċagħaq. Għal dan, ir-rappreżentanti ta' Transport Malta qalu li mhumiex se jgħalqu toroq.

2.3. Iċ-*Chairperson* talbet lir-rappreżentanti ta' Transport Malta sabiex jikkunsidraw jiksu wkoll Trejqet il-Kampanjol. Dan għaliex tinsab fi stat diżastruż. Hija żiedet tgħid li kemm-il darba Transport Malta ma tieħux azzjoni f'dan ir-rigward, il-Kumitat jinsisti mal-Kunsill biex jieħu jiksi Trejqet il-Kampanjol hu.

2.4. Iċ- *Chairperson* infurmat li l-proġett ta' Triq il-Kosta se jqum €48m.

2.5. Is-Sinj. Cuomo semmiet laqgħa oħra li kellha mal-Onor Dott. Michael Farrugia dwar l-art mikrija lill-Iscouts ta' B'Kara f'Baħar iċ-Ċagħaq. L-art tinsab f'idejn il-Kunsill tal-Isports madanakollu preżentament hija f'idejn l-Iscouts ta' B'Kara b'kuntratt li jiskadi fl-2016.

2.6. L-Onor. Farrugia qal li hemm xi pjanijiet għaż-żona tal-White Rocks.

2.7. Żied jgħid li qed jikkonsidra *race track* tal-F1 għall-post fl-Għallis, is-Salina.

2.8. Fil-laqgħa kien hemm preżenti s-Segretarju tal-Onor. Michael Farrugia, is-Sur Tony Ellul.

2.9. Is-Sinj. Cuomo talbet lis-Sur Ellul sabiex jinżel Baħar iċ-Ċagħaq iżda baqa' ma niżilx u esprima li ma jixtieqx li jkun hu li jinżel. Huwa qal lis-Sinj. Cuomo sabiex tieħu r-ritratti u mbagħad jiltaqa' magħha sabiex jiddiskutu l-problemi li hemm fiż-żona. F'dan id-dawl is-Sinj. Cuomo ħadet sensiela ta' ritratti sabiex tiddiskutihom mas-Sur Ellul.

2.10. Is-Sinj. Cuomo pproponiet sabiex issir attività immiratha lis-siden tal-klieb bil-klieb tagħhom. Kien hemm qbil unanimu li din l-attività issir. L-għan tagħha se jkun sabiex titqajjem iżjed kuxjenza għad-dannu li jġib miegħu l-ħmieġ tal-klieb, meta jitħalla mal-art.

2.11. Iċ-*Chairperson* qalet li idealment għandha tiġi organizzata xi darba s-Sibt filgħodu.

2.12. Hija żiedet tgħid li jkun ferm aħjar jekk il-Kunsilll jirnexxilu jsib xi *sponsors* għal din l-attività. Bħal xi fornitur li huwa lest li jipprovdi *doggy bags* b'xejn.

## 3. IL-FULJETT TAL-KUMITAT

3.1. Is-Sur Micallef bagħat il-fuljett lis-Sinj. Cuomo għall-kummenti tagħha.

## 4. TAĦDIDIET EDUKATTIVI

4.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li t-taħdida ta' Frar kienet vera organizzatha tajjeb. Attendew mal-20 persuna.

4.2. Is-Sinj. Muscat ipproponiet sabiex it-taħdidiet segwenti jibdew fil-11:00am minflok fl-10:30am sabiex jingħata iżjed ħin lit-tombla. F'dan ir-rigward il-Kunsill se jsaqsi lis-Sinj. Dorothy Scicluna tal-Kura Primarja.

## 5. KLASSIJIET TAŻ-ZUMBA

5.1. Is-SE informa lill-kumplament tal-Kumitat bit-telefonata li kienet għamlitlu s-Sinj. Vella dwar l-organizzazzjoni tat-tieni klassi Zumba. Huwa nforma lill-membri li ma kienx f'posizzjoni li jieħu deċiżjoni. Madanakollu kien saħaq li ma jkunx jista' jaċċetta f'dak l-istadju li l-prezz ikun irħas milli kien qed ikun qabel.

5.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat lis-SE, li l-għalliema l-ġdida taż-Zumba, is-Sinj. Sarah Smith, tixtieq tiltaqa' miegħu sabiex jiddiskutu xi kwistjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' dawn il-klassijiet.

5.3. Hija nfurmat ukoll li s-Sinj Smith diġa bdiet tagħmel dawn il-klassijiet għall-prezz irħas minn tas-Sinj. Attard.

5.4. Is-SE saħaq li m'għandu jkun qatt li jsiru arranġamenti sempliċiment għaliex ma jkunx tkellem mal-instructress għaliex ċertu xogħol irid il-ħin tiegħu u f'dak iż-żmien l-uffiċċju kellu ħafna xogħol x'jagħmel.

## 6. ILMENTI

6.1. Is-Sinj. Cuomo f'isem is-Sinj. Vella staqsiet lis-SE jekk jafx x'ifissru s-sinjali ħomor li saru fit-toroq minn xi entitajiet. Dawn saru fi Triq id-Dwieli kantuniera ma' Triq Qalet Marku.

6.2. Is-SE sostna li minkejja li saru l-marki, ma jfissirx li se jkissru bilfors u jistgħu ikunu biss indikazzjoni għal xi kuntratturi qabel ma jwettaq xi xogħol.

6.3. Min-naħa l-oħra s-Sur Bonello qal li wisq probabli dawn il-marki għandhom x'jaqsmu ma' xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ.

6.4. Is-Sinj. Cuomo f'isem is-Sinj. Vella qalet li kemm tar-riċiklaġġ kif ukoll il-kenniesa mhumiex qegħdin imorru fi Triq id-Dwieli, preċiżament fil-parti fejn toqgħod is-Sinj. Vella.

6.5. Is-Sinj. Cuomo esprimiet ix-xewqa tagħha sabiex kemm l-aġenda kif ukoll il-minuti jkunu fuq in-*Notice Board* ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Dan sabiex ir-residenti jkunu lkoll infurmati b'dak li qiegħed jintqal waqt il-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv.

6.6. Is-Sinj. Muscat infurmat lill-membri tal-Kumitat li l-bricks li kien ittellgħa madwar għalqa fi Triq l-Iskall regħġa safa mwaqqa.

6.7. Is-Sinj. Muscat semmiet il-qagħda kritika tal-bankina fi Triq Xatt il-Palm u Triq ir-Ridott.

6.8. Iċ-*Chairperson* semmiet il-bowser li minn żmien għal żmien qiegħed imur Baħar iċ-Ċagħaq sabiex jitfa' l-ilma f'xi tappieri tad-drenaġġ. Sid il-bowser qal lis-Sinj. Cuomo li din il-proċedura hija utli sabiex ma jkunx hemm imblukkar fis-sistema tad-drenaġġ u rwejjaħ jintnu.

6.9. Is-Sinj. Muscat infurmat lill-membri tal-Kumitat li l-ħarġa kulturali li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014. Id-destinazzjoni hija Malta Experience.

6.10. Is-Sinj. Cuomo wriet ix-xewqa tagħha sabiex il-Kunsill jagħti aktar importanza lill-*facebook page* tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Ifisser li dawk il-paġni u l-avviżi li jagħmel fuq il-*facebook page* tal-Kunsill Lokali In-Naxxar jagħmilhom ukoll fuq dik tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

6.11. Is-Sinj. Cuomo talbet il-Kunsill sabiex jibgħat avviż lil Fr Paul Attard rigward l-attività tal-Karnival li se ssir in-Naxxar fit-2 ta' Marzu 2014.

6.12. Is-SE qal li se jsir xogħol ta' traqqigħ fi Trejqet il-Kampanjol. Madanakollu l-membri urew id-diżappunt tagħhom il-għaliex fil-fehma tagħhom ix-xogħol ta' traqqigħ ma jservix fit-tul. F'dan id-dawl is-SE sostna li x-xogħol ta' *resurfacing* iqum ħafna flus u l-Kunsill Lokali In-Naxxar ma jaffordjax tali twettiq ta' xogħol speċjalment meta hemm ħafna toroq oħrajn li għandhom bżonn jinksew mill-ġdid.

6.13. Iċ-*Chairperson* talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel ittra lill-Ministru Mizzi ħalli niddeterminaw jekk teżistix il-possibilità li jagħmel xogħol ta' resurfacing il-Gvern Ċentrali. Dan fir-rigward ta' Trejqet il-Kampanjol.

6.14. Qiegħda ssir din l-enfasi minħabba l-fatt li Trejqet il-Kampanjol u Triq Santa Klara se jsiru f'direzzjoni waħda. Hekk is-sewwieqa li mill-Magħtab ikunu jridu jmorru Baħar iċ-Ċagħaq ma jkollhomx għażla oħra ħlief li jgħaddu minn Trejqet il-Kampanjol.

6.15. Is-Sinj. Cuomo staqsiet kif konna bqajna fir-rigward ta' bidla fit-tismija ta' parti minn Triq San Franġisk t'Assisi għal Triq Benjamin Galea. Il-Kunsill għandu jindaga.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu, 2014 ghas-6:00pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fit-7:45pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |

A